**Parroċċa Familja Mqaddsa L-Iklin**

*Pjazza Ninu Cremona, L-Iklin IKL 1302 Malta - tel:21423003*

5 ta' Settembru 2023

**Lill-Ġenituri u Kustodji tat-tfal ta' Sena 2 - 7 tal-iskola**

Bi pjaċir nilqa' lil uliedkom u lilkom għall-kors tal-Katekiżmu tat-Tfal għas-sena 2023-2024. Nirringrazzja lill-katekisti tagħna u l-kollaboraturi l-oħra tiegħi għad-disponibilità biex jaqdu b'ġenerożità fil-formazzjoni Nisranija ta' wliedkom.

1. Il-Katekiżmu għat-tfal ta' Sena 2 - 7 tal-iskola ikompli **jsir kull nhar ta' Tnejn u Ħamis mill-4.30pm sal-5.15 pm.** It-tfal huma mistiedna jiġu mill-4.15 -il quddiem biex jilagħbu.

2. Laqgħa importanti għall-Ġenituri/Kustodji u t-tfal kollha tal-Katekiżmu se ssir **nhar it-Tnejn 18 ta' Settembru fis-7.00pm fil-Knisja Parrokkjali.** Il-preżenza tal-ġenituri hi essenzjali. Importanti kulħadd ikun fil-knisja sas-6.50 pm. Tul din il-laqgħa ħa jiġu spjegati dettalji ta' kif se nipproċedu din is-sena. It-tfal li attendew għall-Katekiżmu tat-tfal is-sena l-oħra huma mitluba jġibu magħhom il-*card* elettronika personalizzata li wżaw is-sena l-oħra. Dawk li m'għadx għandhom il-*card* għandhom jimlew il-google form Replacement Electronic Cards 2023 --2024 - Google Forms u ssirilhom *card* ġdida bi prezz ta' €5 kull card. Tfal ġodda jingħataw *card* ġdida b'xejn.

3. Intom mistiedna għall-**Quddiesa tat-Tberik tal-Basktijiet tal-Iskola, il-Ħadd 24 ta' Settembru fil-11.15 am.** It-tfal għandhom iġibu magħhom il-basktijiet tal-iskola. Importanti li tkunu bilqegħda fil-knisja fil-11.10 am.

4. **Donazzjoni u kotba** – Peress li ser ikun hemm riżorsi neċessarji aċċessibli online b'xejn mhux ser tintalbu biex tixtru kotba għal uliedkom. Din is-sena it-tfal kollha ser jingħataw set ta' prayer cards biex jużawhom id-dar u waqt il-katekiżmu b'għajnuna biex jitgħallmu talb bl-amment. Tfal f'Sena 4, peress li hemm kors partikulari, ser jintalbu jixtru l-ktieb b'arranġament mal-katekista.

Tul dan is-sajf inxtraw siġġijiet ġodda għal xi klassijiet u għas-Sala Parrokkjali. Ġie modifikat ukoll il-poġġaman tat-taraġ prinċipali taċ-Ċentru Parrokkjali biex inkunu konformi mar-regolamenti tal- health and safety. Dan bi spiża ta' €9,000.

Kull kamra hi mgħammra bl-internet u bl-arja kkondizzjonata. Qed inkomplu noffru s-servizzi tal-Kummissjoni Tfal Iklin, t'inklużjoni fit-tagħlim u programm varjat li jinkludi logħob, u laqgħat fejn ngħinu lit-tfal jitolbu u jiskopru aktar l-importanza tal-Kelma t'Alla f'ħajjithom.

5. Ġentilment nissuġġerixxi donazzjoni ta’ **€25** għal sena sħiħa għal kull tifel jew tifla, jekk dan hu possibbli għalikom, sal-Ġimgħa 15 ta’ Settembru 2023 bi trasferiment tal-flus fil-kont bankarju tal-parroċċa. Importanti li tikteb isem it-tifel jew tifla u tikteb is-sena tat-tifel jew tifla ħdejn l-isem.

Jekk ma tkunx tista’ tibgħat id-donazzjoni direttament fil-kont bankarju, tista’ ġġib flus kontanti jew ċekk intestati ‘Parroċċa Familja Mqaddsa, L-Iklin’ dakinhar tal-Open Evening. Importanti li tiktkbu ċar fuq l-envelope l-isem u l-kunjom tat-tifel jew tifla u l-klassi tal-iskola.

**Id-dettalji tal-kont tal-parroċċa mal- APS Bank Ltd huma:**

Isem tal-Kont: Parroċċa Familja Mqaddsa Iklin
Swift Code: APSB MT MT
Numru tal-Kont: 20000994930
IBAN: MT14APSB77046006493920000994930

Is-sliem u l-ħajr

**Dun Keith Bonnici**
**Kappillan**